MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 332/2005

**Linda Gillichova**

**vs**

***Acorn Developments Limited***

**Constantin Alexander Anastasiou**

***Selective Company Consult (Malta) Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni promotrici datat l-13 t'April, 2005, li permezz taghha l-attrici fuq indikata sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1.1 Illi permezz ta' mandat ta' qbid numru 52/2005 is-socjeta` konvenuta *Acorn Distribution* qabdet vettura tal-marka Jaguar bin-numru BA-202 DX proprjeta` esklussiva tal-attrici;

1.2 Illi l-imsemmija vettura mhix proprjeta` tal-konvenut Constantin Alexander Anastasiou;

1.3 Illi l-istess Anastasiou hu wiehed mill-persuni li kontra tieghu inhareg il-mandat ta' qbid fuq indikat;

1.4 Illi l-marixxal esekutant kien gie immedjatament informat li l-vettura in dizamina hi proprjeta` tal-attrici u waqt l-elevazzjoni tal-imsemmija vettura ghamel nota fir-riferta tal-mandat *de quo* wara li kien gie muri wkoll il-*log book* tal-istess vettura;

1.5 Illi permezz ta' ittra ufficjali datata l-14 ta' Marzu, 2005, is-socjeta` konvenuta *Acorn Distributors Limited* kienet informata li l-vettura fuq riferita ma kienitx tinkwadra fl-assi ta' kontra min inhareg il-mandat *de* quo;

1.6 Illi ghalhekk l-attrici ghandha tinheles mill-mandat in dizamina;

1.7 Illi l-attrici uriet lis-socjeta` konvenuta *Acorn Distribution* recte *Developments Limited* fl-atti ta' proceduri ohra quddiem din il-qorti diversament preseduta, li l-vettura in dizamina kienet proprjeta` esklussiva taghha;

1.8. Illi nonostante tali informazzjoni, l-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti ma biddlitx il-fehema taghha;

1.9. Illi in vista tal-premess l-attrici kienet kostretta taderixxi din il-qorti biex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li l-vettura in dizamina bin-numru ta' registrazzjoni BA-202 DX kolpita bil-mandat ta' qbid fuq indikat tappartjeni lill-attrici u konsegwentement ma tistax tigi maqbuda in esekuzzjoni tad-debiti tas-socjeta` *Selective Company Limited* jew tad-debitur Constantino Anastasiou;

1.9.2. Tillikwida Danni kontra s-socjeta` konvenuta *Acorn Distribution Limited* ghall-fatt li l-attrici ma tistax tuza l-vettura taghha stante li l-mandat ta' qbid in dizamina inhareg u gie ezegwit illegalment u abbuzivament kontra l-attrici;

1.9.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, (ara foll1);

2. Rat in nota tal-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Mejju, 2005, li permezz taghha s-socjeta` konvenuta *Acorn Developments Limited* eccepiet sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hi nulla u minghajr effett stante li mhix konformi ma' l-artiklu 836 (1), (5) u (9) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li infondati;

2.3. Illi ghalkemm l-attrici kellha kull oprotunita` tressaq provi quddiem qorti biex turi li hi verament sid il-vettura in dizamina, dan m'ghamlitux;

2.4. Illi mhux minnhu li l-attrici pprezentat rikors ghall-hrug ta' kontro-mandat in segwitu ghall-mandat ta' qbid numru 52/2005 fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

2.5. Illi kien biss il-konvenut Constantin Alexander Anastasiou li intavola rikors bin-numru 197/2005 ghall-hrug tal-kontro-mandat izda dan kien gie michud b'digriet datat it-12 t'April, 2005, (ara foll 19);

2.6. Illi ghalkemm debitament notifkata l-attrici odjerna m'attendietx ghall-udjenza riservata, (ara foll 13);

2.7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Rat in-nota tal-attrici datata l-1 ta' Marzu, 2007, li permezz taghha informat lill-qorti li s-socjeta` konvenuta *Selective Company Consult (Malta) Limited* hi fi stat ta' likwidazzjoni u dissoluzzjoni u li kien hemm ukoll likwidatur appuntat ghall-istess skont il-ligi, (ara foll 41);

4. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament datat it-8 t'Ottubru, 2008, fejn wara ftehim tal-partijiet, l-istess qorti awtorizzat li l-proceduri jkunu kondotti bil-lingwa Ingliza, (ara foll 56);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-8 t'Ottubru, 2008, li permezz tieghu appuntat lill-espert tekniku hemm indikat biex:

5.1. Jispezzjoni l-vettura meritu tal-procedura odjerna, u

5.2. Jistabilixxi l-valur tal-istess vettura kif hemm ukoll specifikat, (ara foll 56);

6. Tirrileva li nonstante d-digriet tal-qorti diversament preseduta datat it-8 t'Ottubru, 2008, rigwardanti l-lingwa li biha l-kawza odjerna kellha tigi kondotta, (ara foll 56), fl-udjenza sussegwenti u f'dawk kollha li sehhew warajha il-qorti diversament preseduta u l-partijiet kollha involuti baqghu jikkonducu il-procedura in dizamina bil-lingwa Maltija;

7. Illi ghalhekk jigi immedjatament sottolineat li d-digriet riferit fil-paragrafu numru erbgha (4), aktar qabel gie injorat bil-kunsens komuni ta' kull minn kien involut fil-procedura *de quo* u konsegwentement din il-qorti kif issa preseduta kompliet tikkonduci il-procedura in dizamina bil-lingwa Maltija;

8. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-1 ta' Novembru, 2011, (ara foll 116 sa 122);

9. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu, stante li gie meqjus ghaqli li hekk ghandu jsir, awtorizzat lill-kontendenti biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 129);

10. Rat l-estenzjoni koncessa fil-verbal datat iz-19 ta' Gunju, 2013, (ara foll 130);

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata t-3 ta' Settembru, 2013, (ara foll 131) *et sequiter*;

12. Ezaminat ix-xhieda u dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

13. Ezaminat id-dokumenti esebiti fil-procedura odjerna u f'dik kontigwa maghha inkluzi fir-Rikors numru 438/05;

14. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-attrici tittratta l-kaz b'mod finali;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi preliminarjament ghandu immedjatment jigi sottolinea is-segwenti:

15.1. Illi l-kawza odjerna hi indirizzata fil-konfront ta' tlett (3) konvenuti senjatament:

15.1.1. *Acorn Developments Limited*;

15.1.2. Constantin Alexander Anastasiou;

15.1.3. *Selective Company Consult (Malta) Limited*;

16. Illi minn ezami tal-process jirrizulta pacifiku li kienet biss is-socjeta` konvenuta *Acorn Developments Limited* li intavolat nota ta' eccezzjonijiet in risposta ghat-talbiet attrici, (ara foll 13);

17. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li nonostante il-perjodu kollu riskontrat fil-procedura in dizamina, il-konvenuti l-ohra, Constantin Alexander Anastasiou u *Selective Company Consult (Malta) Limited* jirrizultaw li huma effettivament fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat:

18. Illi r-relazzjoni peritali fuq gia` referita sintetikament tikkonstata s-segwenti:

18.1. Illi biex jespleta l-inkarigu lilhu moghti il-perit tekniku nominat zamm zewg (2) accessi, (ara foll 118 u 119);

18.2. Illi minn ezami tal-vettura in dizamina irrizulta s-segwenti:

18.2.1. Illi kien hemm xi sinjali ta' moffa fuq it-tapezzerija u fi bnadi ohra fuq gewwa tal-istess vettura;

18.2.2. Illi mill-bqija l-istess vettura kienet tidher li ghadha fi stat tajjeb; (ara foll 119);

18.3. Illi l-odometru tal-istess vettura kien juri 158,851 mili, (ara foll 120);

18.4. Illi meta giet ezaminata mill-espert *de quo* il-vettura kienet ilha maqfula fil-garaxx ghal madwar sitt (6) snin, (ara foll 121);

18.5. Illi f'dan l-istess perjodu il-vettura in dizamina qatt ma giet startjata, (ara foll 121);

18.6. Illi f'dan il-perjodu wkoll qatt ma saritilha *"long term preventive maintenance"*, (ara foll 121);

18.7. Illi qabel ma' l-istess vettura tkun tista` tinstaq fit-toroq bil-garanzija kollha rigwardanti s-sigurta` din jinhtigilha li jsirilha l-manutenzjoni indikata mill-istess espert tekniku, (ara foll 122);

18.8. Illi l-istess espert tekniku jikkonkludi li tenut kont:

18.8.1. Tal-perjodu ta' sitt (6) snin li l-vettura *de quo* ilha iggaraxxjata;

18.8.2. Tal-manutenzjoni reza allura necessarja;

18.8.3. Il-valur tal-istess vettura in dizamina hu ta' sitt elef u hames mitt Ewro, (€6,500.00);

Ikkunsidrat:

19.0. Illi fil-meritu tal-procedura odjerna ghandu jigi sintetikament elenkat bil-mod is-segwenti;

19.1. Illi permezz ta' mandat ta' qbid numru 52/2005 fl-ismijiet *Acorn Distribution Limited* vs Alexander Constantin Anastasiou, (ara foll 131), datat it-28 ta' Gunju, 2005, is-socjeta` *Acorn Developments Limited*, (dik attwalment konvenuta fil-procedura odjerna, (ara foll 1), gia` *Acorn Distribution Limited,* qabdet il-vettura meritu tal-procedura odjerna;

19.2. Illi l-attrici dejjem sostniet li l-vettura *de quo* kienet proprjeta` taghha u mhux ta' haddiehor – lanqas tal-konvenut kontumaci Anastasiou, (ara foll 29 fl-atti tar-Rikors numru 438/2005;

19.3. Illi ghalhekk meta permezz tal-mandat ta' qbid fuq indikat din il-vettura giet elevata, din l-elevazzjoni kienet abbuziva u illegali;

19.4. Illi anke l-*"log book"* tal-istess vettura jindika li l-din tappartjeni lill-attrici u lil hadd aktar;

19.5. Illi *di piu`*, ghalkemm Anastasiou u l-attrici huma konoxxenti, din ta' l-ahhar qatt ma kellha x'taqsam f'xi negozjati li Anastasiou kellu f'Malta, (ara foll 49);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi rigward id-danni rikjamati mill-attrici ghandu jinghad is-segwenti:

20.1. Illi kif ritenut f'**Busuttil et vs Tapa Limited, Qorti ta' l-Appell, 4 ta' Novembru,2003**, kif indikata mill-abbli rapprezentant legali tal-attrici;

> "Min jikkawza l-hsara, jrid jaghmel tajjeb ghad-danni kollha imgarrba mill-vittma, u meta jirrizulta li nonostante t-tiswija, il-haga mhux se tigi fl-istat li kienet, ghal dak id-deprezzament irid jaghmel tajjeb min kien kagun ta' dik il-hsara";

21.0. Illi jirrizulta debitament assodat li l-mandat ta' qbid in dizamina irreka lill-attrici l-ispejjez elenkati minnha rigwardanti:

21.1. It-trasport ta' binha;

21.2. Kiri ta' vettura sostituttiva;

21.3. Deprezzament tal-vettura meritu tal-procedura in dizamina;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi ghalhekk l-ammonti ekwivalenti ghad-danni sofferti mill-attrici indikati fil-paragrafu precedenti mid-data tac-citazzjoni odjerna jistghu jigu sintetikament u komplessivament konsolidati fil-mod segwenti:

22.1. Rigwardanti t-trasport ta’ iben l-attrici: €2,500.00

22.2. Rigwardanti l-kiri ta’ vettura sostituttiva: €25,000.00

22.3. Rigwardanti l-valur tal-vettura in dizamina: €6,500.00

23. Illi in vista tal-premess, qed jigi approssivament ikkonstatat, (u dan, fin-nuqqas tal-attrici li tul dan iz-zmien kollu tipprezenta rezokont dettaljat tad-danni minnha sofferti kif kienet fi-dmir li taghmel), li l-ammont ta’ Danni komplessivi sofferti mill-attrici jammonta ghal erbgha u tletin elf Ewro, (€34,000.00);

Ikkunsidrat:

24. Illi in vista tas-suespost jirrizulta pacifiku li ghakemm l-attrici kellha xi tip ta’ relazzjoni mall-konvenut kontumaci Anastasiou, l-istess attici ma’ kellha x’taqsam xejn man-negozju tal-istess konvenut kontumaci *de quo*;

25. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta abbundantement assodat li l-mandat ta’ qbid in dizamina mahrug fil-konfront tal-attrici kien ghal kollox illegali stante li l-attrici kienet ghal kollox estranea ghan-negozju li l-konvenuti seta` kellhom ma xulxin;

**DECIDE:**

26.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi soddisfatta li l-attrici ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta *Acorn Developments Limited*, takkolji t-talbiet attrici, u konsegwentement:

26.1. Tiddikjara li l-vettura meritu tal-procedura odjerna fuq indikata bin-numru ta’ registrazzjoni BA-202 DX kolpita bil-mandat ta’ qbid fuq ukoll gia` indikat tappartjeni lill-attrici Linda Gillichova u li konsegwentement ma tistax tigi maqbuda in eskeuzzjoni tad-debiti tas-socjeta` *Selective Company Limited* jew tad-debitur Constantino Anastasiou;

26.2. Tillikwida id-danni sofferti mill-imsemmija attrici fl-ammont komplessiv ta’ erbgha u tletin elf Ewro, (€34,000.00);

26.3. Tikkundanna ghalhekk lis-socjeta` konvenuta *Acorn Developments Limited* biex thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lill-attrici Linda Gillichova;

26.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti sal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` konvenuta *Acorn Developments Limited*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------